

- tordna lill-Parlament Ewropew ir-restituzzjoni tas-somom kollha miżmuma indebitament, li għandhom jiżdiedu bl-interessi legali mid-data ta' żamma mill-bilanċ, u sabiex il-Parlament Ewropew jiġi ikkundannat li jimplimenta s-sentenza li sejra tingħata u jieħu l-inizjattivi, atti jew miżuri kollha meħtieġa sabiex jiggarrantixxi l-istabbiliment mill-ġdid sħiħ immedjat tal-ammont oriġinali tad-drittijiet tal-pensjoni;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ħlas tal-ispjjeż tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċiplai huma simili għall-dawk invokati fil-Kawża T-389/19, Coppo Gavazzi vs Il-Parlament.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2019 — Malerba vs Il-Parlament

(Kawża T-405/19)

(2019/C 280/67)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Franco Malerba (Issy-Les-Moulineaux, Franza) (rappreżentanti: M. Merola u L. Florio, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara ineżistenti u tannulla kompletament id-dispożizzjoni li dwarha r-rikorrent kien ġie informat permezz tal-komunikazzjoni kkontestata, li permezz tagħha l-Parlament Ewropew id-determina mill-ġdid id-drittijiet għal pensjoni tal-irtirar u ordna l-irkupru tal-ammont imħallas fuq il-bażi tal-kalkolu preċedenti tal-pensjoni;
- tordna lill-Parlament Ewropew iħallas lura s-somom kollha indebitament miżmuma flimkien mal-interessi legali mid-data taż-żamma sal-ħlas tagħhom u tordna lill-Parlament jeżegwixxi s-sentenza mogħtija u jassumi l-inizjattivi, l-atti jew id-dispożizzjonijiet kollha neċċesarji sabiex il-miżura oriġinali ta' kalkolu tal-pensjoni tiġi immedjatamente ikkostitwita kollha kemm hi mill-ġdid.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawża T-389/19, Coppo Gavazzi vs Il-Parlament.
